# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 31 ta' Mejju 2022**

**Appell numru 557/2020 fl-ismijiet:**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**James DEMANUELE**

**Il-Qorti,**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Awissu 2021 fil-konfront ta' James DEMANUELE (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0235374M) li ġie mixli talli nhar it-18 ta' Ottubru 2020 bejn it-tlieta ta' wara nofs in-nhar u l-erbgha tal-istess minn ġewwa fond numru 293 Triq Qrejten Ħamrun, f'dawn il-Gżejjer:

   i) Ikkometta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Carmelo Camilleri anzjan ta' 95 sena liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix Ewro 2,329.37;

   ii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-Liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra lil Carmelo Camilleri kontra l-volonta' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta lil jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;

iii) Ħebb kontra l-persuna ta' Carmelo Camilleri sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;

iv) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma sabitx lill-appellant ħati tal-addebitu kkontemplat fl-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, illiberatu minnu; imbagħad, wara li rat l-Artikoli 261(a)(ċ), 262(1)(a)(2), 267, 275, 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3), 257D(1)(b)(2)(3), 257F(4), 86, 87(1)(e), 257E(1)(2) u 257F(4), 339(d), 49 u 50, sabet lill-imputat ħati tar-reat fihom kontemplati u tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ ikkundannatu għal piena karċerarja ta' sitt snin li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien illi l-appellant għamel taħt arrest preventiv. Di piu' l-Qorti ordnat lill-appellant iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ikkundannat lill-appellant sabiex iħallas lil Carmelo Camilleri s-somma ta' Ewro 1,100 rappreżentanti l-ammont misruq.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant DEMANUELE appella minn din is-sentenza fejn talab lill-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux ħati tar-raba' imputazzjoni filwaqt li talab lil Qorti sabiex tħassarha u tannullaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet imputazzjonijiet u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena jew alternattivament sabiex tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena billi tiġi imposta piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern u dan wara li stqarr bis-segwenti:

i) Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija fl-appellant bil-provi li ġew prodotti quddiemha. Il-call profiles, localisations u CCTV camera

footages jikkorraboraw il-verżjoni tal-appellant u juru li tassew dakinhar tal-inċident kien f'dawk l-inħawi kif del resto qal hu. Din l-istess verżjoni kkonferma kemm fl-interrogattorju kif ukoll fil-mument li xehed viva voce l-Qorti. Illi di' piu' l-vittma Carmelo Camilleri ma għarafx lill-aggressur tiegħu u addirittura għal aktar minn darba jsostni, lill-esponent James Demanuele qatt ma kien rah;

ii) It-tieni aggravju jitratta dwar il-piena inflitta, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju. Fil-każ odjern setgħet tiġi imposta piena ħafna iktar miti minn dik imposta. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma tatx importanza l-aspett retributtiv tal-piena.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta’ din il-Qorti jibqa’ dak ta’ reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta’ ritrattazzjoni, u ma terġax tisma’ l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b’hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta’ reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b’dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b’mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista’ tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista’ ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b’ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali tkun tista’ ssib ħtija f’akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta’ probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista’ ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista’ tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta’ prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being “sure”, in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid

ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu

ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet

legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

29. Illi nhar it-18 ta' Ottubru 2020, fil-ħin ta' bejn it-tlieta u l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar, Carmelo Camilleri, anzjan ta' 95 sena, irraporta ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun li kien ġie misruq ġewwa ir-residenza tiegħu fl-indirizz numru 293, St. Louis Triq Qrejten Ħamrun. Carmelo Camilleri stqarr illi persuna maskili ftit tal-mumenti qabel ma mar jagħmel ir-rapport, kien ħabbatlu l-bieb tar-residenza tiegħu fejn qallu li kien Għawdxi u li kien bgħatu l-Kappillan Mifsud Bonnici sabiex jiġbor xi flus. Camilleri irraporta kif din il-persuna maskili baqgħet dieħla warajh sa ġewwa l-kċina u kif huwa ra li kien qiegħed joħroġ xi flejjes mill-pouch li kellu ġewwa l-kexxun, rewhielu idejh, żammielhu wara dahru, tefgħu mal-ħajt u ħarab jiġri 'l barra mir-residenza tiegħu.

30. Illi l-Pulizija bdew minnufih bl-istħarriġ u marru fuq il-post fejn seħħet l-allegata serqa fejn huma ġew avviċinati minn persuna bl-isem ta' Peter Carbonaro li qallhom kif kien ra lil Camilleri ħafi u jgħajjat fit-triq 'ħalliel, ħalliel!' u dak il-ħin osserva persuna maskili tiġri fid-direzzjoni ta' Triq il-Fatati u mbagħad lejn Triq Mimosa l-Ħamrun. Philip Carbonaro stqarr mal-Pulizija li s-suspettat kien liebes jeans blue, top roża, karkur iswed u kellu l-mustaċċi u xagħaru griżi, ta' statura u tul normali. Philip Carbonaro rraporta wkoll kif huwa baqa' jsegwi lil din il-persuna maskili għal ftit wara bil-vettura tiegħu iżda mbagħad waqaf għax beża'. Il-Pulizija ġabru wkoll xi filmati CCTVs ta' stabbilimenti u residenzi li kienu f'dawk l-inħawi u minnhom intgħaraf l-appellant James DEMANUELE bħala l-persuna li ġiet indikata minn Philip Carbonaro bħala li kienet qiegħda tiġri lejn Triq Mimosa, Ħamrun/Pieta'.

31. Illi iktar ‘il quddiem fl-istess ġurnata, għal ħabta tal-ħamsa neqsin kwart, u ċjoe’ siegħa wara li kienet ġiet irraportata s-serqa minn Carmelo Camilleri, il-Pulizija ġewwa l-Għassa tal-Imsida daħlilhom rapport mingħand l-istess appellant James DEMANUELE li kien safa’ aggredit minn ċertu Paul Spagnol u dan l-argument kien seħħ dwar flejjes dovuti skont l-istess DEMANUELE. Minn stħarriġ li seħħ mill-Pulizija mill-cameras li kien hemm madwar l-Għassa tal-Imsida, irriżulta li meta DEMANUELE mar jagħmel ir-rapport l-Għassa tal-Imsida kien liebes dawk l-istess ħwejjeġ li kien deher liebes dak il-persuna maskili li kien inqabad mill-cameras fl-inħawi ta’ fejn kienet seħħet is-serqa fi Triq Qrejten, ġewwa l-Ħamrun. Saret ukoll tfittxija fir-residenza indikata mill-appellant bħala r-residenza temporanja tiegħu u ċjoe’ Charles Guest House, l-Imsida u hemmhekk il-Pulizija sabu karkur, shorts tal-Jeans u T-shirt bħal dak li kien jidher fil-filmati tal-inċident fi Triq Qrejten liema affarijiet ġew elevati mill-Pulizija.

32. Illi l-appellant James DEMANUELE ġie eskortat ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn ikkonsulta mal-Avukat Dr. Martha Mifsud. Sussegwentement, il-Pulizija ressqu lil James DEMANUELE b’rabta mas-serqa mertu ta’ dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu meritu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

33. Illi l-appellant jillamenta mill-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt issibu ħati tal-imputazzjoni ta’ serq aggravat hekk kif miġjuba kontra tiegħu f’din l-ewwel imputazzjoni minħabba li l-provi tal-Prosekuzzjoni f’dan ir-rigward ma kinux sikuri u jħallu dubju raġonevoli dwar l-involviment tal-appellant fis-serqa rraportata minn Carmelo Camilleri.

34. Illi huwa minnu li skont l-espert Joseph Mallia, ma kinux riskontrati impronti rilevanti fuq il-biro li skont Camilleri kienet intmisset mill-malvivent fil-mument li huwa kien qiegħed joħroġ il-flus mill-kexxun. Lanqas ma jidher li kien hemm xhieda okulari fil-mument meta seħħet l-allegata serqa kif irraportata minn Camilleri

għaliex din is-serqa seħħet ġewwa d-dar tiegħu f'mument meta huwa kien qiegħed waħdu.

35. Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha każ li jistrieħ interament fuq **evidenza ċirkostanzjali.** L-eżerċizzju ta' analiżi tal-provi fl-assjem tagħhom ried iqis jekk, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, setgħetx dik il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant in kwantu dawk il-provi kienu univoċi b'mod tali li setgħu iwasluha għall-konklużjoni univoka li fil-fatt kien l-appellant dak ir-raġel li wettaq is-serqa mid-dar tal-anzjan, jew inkella jekk, dawk l-istess provi kienux joffru xi sfaċċettatura li taf titfa' dubju raġonevoli f'moħħ il-ġudikant dwar l-involviment ta' DEMANUELE fl-imsemmi reati. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet trankwillament issib lill-appellant ħati fuq provi ta' natura ċirkostanzjali fil-każ biss li dawk il-provi setgħu legalment u raġonevolment iwasluha għall-identifikazzjoni tal-appellant bħala l-unika persuna li setgħet wetqet dik is-serqa. Fin-nuqqas ta' dan, dik il-Qorti ma tkunx tista' titqies li kienet legalment u raġonevolment korretta li ssib ħtija. B'hekk dan l-appell jistrieħ fuq l-analiżi tal-kwalita tal-evidenza ċirkostanzjali li rnexxielha tiġbor il-Prosekuzzjoni u jekk din il-prova kienetx tippunta f'direzzjoni waħda ċjoe dik li biha setgħa jiġi identifikat l-appellant bħala dik il-persuna li :

(a) wetqet is-serqa lill-anzjan wara li daħal fir-residenza tal-anzjan;
(b) ħarġet mir-residenza tal-anzjan wara li saret is-serqa;
(c) kienet l-istess persuna li l-anzjan ħareġ jgħajjat barra mid-dar bħala li kienet dik il-persuna li serqitu;
(d) kienet l-istess persuna li x-xhud okulari Carbonaro għaraf bħala l-persuna li l-anzjan kien qiegħed "jiffolowja" u li "telaq jiġri";
(e) kienet l-istess persuna li l-anzjan irrefera għaliha max-xhud Carbonaro bħala dak li qabadlu jdejh u seraqlu l-flus;
(f) kienet l-istess persuna li iżjed tard Carbonaro kien mar ifittex fin-naħa ta' Gwardamangia u li reġa lemah bħala dak li kien liebes T-shirt griż jew kannella, jeans three quarters u karkur u li eventwalment identifikah fl-awla, inkluż il-ħwejjeġ li l-appellant kien liebes.

36. Id-diversi uffiċjali tal-Pulizija li kienu nvoluti fl-investigazzjoni ta' dan il-każ qablu bejnithom fuq ir-rikostruzzjoni tal-identita' tal-persuna li nhar it-18 ta' Ottubru 2020 daħal jisraq ġewwa l-fond li jġib l-indirizz 293 Triq Qrejten, Ħamrun. Din l-identifikazzjoni tal-appellant DEMANUELE bħala dik il-persuna li daħal jidderuba lil Camilleri saret mill-Pulizija abbażi tas-segwenti:

i) L-analiżi ta' filmati tas-CCTV li ttieħdu mill-inħawi ta' Triq Qrejten minn fejn seħħet is-serqa minn ġewwa r-residenza ta' Camilleri nhar it-18 ta' Ottubru 2020;

ii) Ir-rikonixximent ta' DEMANUELE mill-filmati elevati mill-inħawi indikati, anke minħabba li l-appellant kien wiċċ familjari mal-Pulizija;

iii) L-analiżi ta' filmati ta' CCTV meħuda mill-inħawi tal-Għassa tal-Imsida in segwitu għal kwerela li għamel DEMANUELE stess fl-imsemmija Għassa minħabba ġlieda li huwa kellu ma' ċertu Paul Spagnol fil-ħin ta' wara li kienet ġiet irraportata s-serqa minn Camilleri;

37. Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel set ta' filmati hawn fuq indikati, mix-xhieda ta' PC 1404 Dale Cassar u ta' PS 90 Jeffrey Gerada, jirriżulta li dawn ittieħdu minn i) 293, Triq Qrejten Ħamrun; ii) 44, Stella Maris fi Triq San Luqa, Ħamrun u minn iii) Confectionary, fl-istess Triq San Luqa liema punti jirreferu għall-inħawi tar-residenza tad-derubat u jirriflettu wkoll l-indikazzjonijiet li ta lill-Pulizija x-xhud Philip Carbonaro.

38. F'paġna 194, Ispettur Jeffrey Scicluna jixhed hekk:

> Għaldaqstant aħna minn hemmhekk bdejna l-eżerċizzju ta' ġbir ta' filmati fejn ilmaħna l-persuna hekk kif deskritta mis-Sur Carbonaro miexja fi Triq San Luqa, kif ukoll kien hemm xi filmati oħra li ttieħdu minn ġo forn li insab viċin tar-residenza tas-Sur Camilleri, **li jidher dan il-persuna qiegħed jiġri jew bil-pass mgħaġġel.**[10]

39. L-Ispettur Mario Xiberras, f'paġna 179, jixhed dwar dak li kien stqarr miegħu x-xhud Philip Carbonaro:

> Jiena fuq il-post kellimt lil ċertu wieħed xhud ċertu Philip Carbonaro u staqsejtu x'ġara. Qalli, ''Jiena kont fit-triq,'' qalli, ''nara lis-Sur Camilleri, li għandu ħamsa u disgħin (95) sena jiġri fit-triq wara persuna, li din il-persuna kellna xagħarha griż, u kien liebes Jeans u beda jgħajjat 'Ħalliel' is-Sur Camilleri''.

40. PC 425 Michael Cilia Lacorte jixhed f'paġna 283, u jgħid:

> ...Kif konna fuq il-post kien hemm ċertu persuna Philip Carbonaro fejn dan ra lill-persuna tiġri 'l barra u l-kwerelant jgħajjat 'Ħalliel, ħalliel!'..tiġri 'l barra mir-residenza tiegħu. U huwa nnota persuna tiġri direzzjoni lejn Triq il-Fatati

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

u daret lejn Triq Mimosa, Ħamrun. Is-Surġent ħa l-verżjoni tiegħu. Innutajna xi cctv footgaes. U fuq il-post ġew il-pulizija tas-CID li komplew bl-investigazzjonijiet tagħhom.

41. Philip Carbonaro xehed f'paġna 59 et seq u reġa' tenna l-istess verżjoni li kien ta fil-bidu nett lill-Pulizija u kkonferma kif dakinhar tat-18 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta tal-3.15pm huwa kien fl-inħawi ta' Triq Qrejten, il-Ħamrun u hekk kif kien qiegħed jipprova jipparkja l-vettura tiegħu, lemaħ anzjan ħafi u bil-piġama jgħajjat wara wieħed raġel 'Ieqaf ħalliel! Ieqaf ħalliel!' Philip Carbonaro qal ukoll li seta' jinnota kif dik il-persuna li ġiet indikata bħala l-ħalliel mill-anzjan bdiet miexja b'pass mgħaġġel u għalhekk 'jiena għidt la telaq jiġri naħseb li vera ħadlu xi ħaġa, serqu'.

42. Carbonaro xehed ukoll li wara li kellem lill-anzjan u dan qallu x'kien ġaralu, huwa mar idur fl-inħawi tal-madwar bil-vettura tiegħu sabiex jara jekk jilmaħx lil dik il-persuna suspettata. F'paġna 61 jgħid hekk:

Xhud: Triq St. Luke's jisimha hekk minix sejjer żball. Rajtu miexi fuq il-bankina u **għaraftu li kien l-istess raġel li kien qiegħed jiġri warajh ix-xiħ**,[11] jgħaġġel u jgħajjru jgħidlu biex jieqaf. U ċempilt lill-Pulizija.

43. Illi wkoll f'paġna 62 tax-xhieda tiegħu Carbonaro jkompli jgħid hekk fuq il-movimenti ta' dik il-persuna maskili li ġiet indikata bħala l-'ħalliel' mill-anzjan:

Ix-xhud: Mexa ftit imbagħad f'daqqa waħda **telaq jiġri**[12]. Rajtu jimxi dawk iż-żewġ, tlett passi u telaq jiġri.

......./........

Fil-verita' jiena kulma rajtu jiġri. Fhimt? Jiġfieri ma rajtu jagħmel xejn iktar jien.

Qorti: Le, all right forsi d-domanda...inti għaraftu f'liema kuntest?

Ix-xhud: Għax speċi kif bdejt nisma' dan ix-xiħ iħares, din il-persuna dawwret wiċċha u **ġiet eżatt wiċċha bi dritti**[13], qed tifhem?

Qorti: All right. Vuoldiri inti rajtha wiċċ imb'wiċċ.

---

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.
[12] Enfasi ta' din il-Qorti.
[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

Ix-xhud: Eżatt!

44. Illi minn kliem Philip Carbonaro jirriżulta wkoll allura li lil dik il-persuna li ra tiġri seta' anki jagħrafha **wara l-inċident** għaliex ġie wiċċ imb'wiċċ magħha, tant li anki fuq mistoqsija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fir-rigward tal-identita' ta' dik il-persuna li kien qiegħed jixhed dwarha, f'paġna 62/63 tax-xhieda tiegħu, ix-xhud mingħajr ebda dubju għaraf lil DEMANUELE bħala l-persuna li Camilleri beda jgħajjatlu 'ħalliel':

Pros: Sinjura ħa nitolbu jekk jagħrafx xi ħadd fl-awla.
.../......
Ix-xhud: Jidher li hu hu.
Il-Qorti: Ippuntah daqsxejn b'subgħajk. Ix-xhud qiegħed jindika lill-imputat.
Pros: U qiegħed jagħrfu bħala min Sinjura?
Il-Qorti: U dak il-persuna li għadek kemm indikajtli issa fuq l-iscreen, inti qed tagħrfu bħala l-persuna li għamlet xhiex?
....../........
Il-Qorti: Hu l-persuna jekk qed nifhmek tajjeb li dan ix-xiħ kien qiegħed jiffolowja.
Ix-xhud: Iva.
Il-Qorti: Imbagħad li għidtli telqet tiġri.
Ix-xhud: Iva...

45. Illi l-istess xhud indika wkoll lill-Pulizija li ssuspettat kellu xagħaru griż u kien liebes T-shirt – għad li ma kienx ċert jekk kienx ta' kulur griż jew kannella – jeans three-quarters u kellu karkur iswed. F'paġna 63 tax-xhieda tiegħu għaraf ukoll li Dok SG4 (three quarters tal-Jeans), Dok. SG 5 (karkur) u Dok. SG 6 (T-shirt) kienu simili - jekk mhux l-istess - għal dak li kienet liebsa dik il-persuna maskili li huwa kien ra miexja b'pass mgħaġġel u li Camilleri kien beda jgħajjat li kien il-'ħalliel' tiegħu. Minn kliem Carbonaro, din il-Qorti tislet ukoll li għalkemm ix-xhud, seta' ma ftakarx bi preċiżjoni l-kulur tal-karkur jew tat-T-shirt li kien liebes il-malviventi, huwa kien konvint 'mija fil-mija' fuq il-fatt li l-malvivent kien liebes jeans three-quarters u kien konvint ukoll li kien liebes T-shirt u karkur.

46. Carbonaro jirriżulta li kien xhud affidabbli fir-rikonoxximent tiegħu tal-ħwejjeġ li kien liebes dak ir-raġel li ġie wiċċ imb'wiċċ miegħu. Dan ix-xhud kien korrett u preċiż fix-xhieda tiegħu. Meta l-Qorti talbitu jidentifika lill-appellant, huwa identifikah b'rabta ma dak li ra hu b'għajnejh u ma qagħadx iżid dak li kien kwalifikah bih l-anzjan Camilleri. Fil-fatt meta mistoqsi biex jidentifikah, Carbonaro ma identifikahx bħala dak li dderuba lil Camilleri għaliex fi kliemu 'fil-

verita jiena kulma rajt telaq jiġri. Fhimt?' (paġna 62 tax-xhieda tiegħu).

47. Bl-istess mod, fejn huwa kien ċert minn dettall, fi kliemu ma wera l-ebda esitazzjoni. F'dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni tal-ħwejjeġ li ġew murija lilu mill-Uffiċjal Prosekutur (bħala l-ħwejjeġ li kienet liebsa l-imsemmija persuna li hu ra tiġri), Carbonaro qal hekk:

Il-Qorti: Ħa nurik xi ħwejjeġ. Ix-xhud qiegħed jiġi muri dokument SG6 li huwa T-shirt.
Ix-xhud: Jidher li dak it-T-shirt kien liebes.
**Il-Qorti: Tikkonferma li dak li telaq jiġri kien liebes dak it-T-shirt,**
**Ix-xhud: Iva.**[14]
Il-Qorti: Issa ħa nurik id-dokument SG4 li huwa...
Ix-xhud: Jekk mhux l-istess wieħed, simili **three-quarters Jeans, mija fil-mija.**[15]
.../....
Il-Qorti: U jekk nurik id-dokument SG5.
Ix-xhud: Mingħalija kelli l-impressjoni li kien iswed, imma **naf**[16] li kien karkur ukoll.

48. Mix-xhieda ta' Philip Carbonaro, u minn dak li stqarr fis wara l-inċident mal-Pulizija, l-uffiċjali investigativi kellhom f'idejhom żewġ tipi ta' informazzjoni dwar min kien l-allegat ħalliel:

(a) dik l-informazzjoni li tirrigwarda l-aspett fiżiku tas-suspettat b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-ħwejjeġ li kien liebes; u
(b) informazzjoni li tirrigwarda l-movimenti tiegħu u l-akwati li ġie avvistat fihom.

49. U hija din l-istess informazzjoni li għenet lill-Pulizija fl-istħarriġ tagħha in kwantu mill-analiżi tal-filmati elevati imsemmija iktar 'il fuq, il-Pulizija mbagħad setgħet tasal għall-identita' ta' dik il-persuna hekk kif deskritta minn Carbonaro. Iġifieri l-filmati tas-CCTV miġbura minn siti differenti, iżda li kienu jinsabu fl-istess akkwati ta' fejn seħħet is-serqa wrew mhux biss l-itinerarja perkors mill-appellant wara din is-serqa, iżda wrew ukoll li l-appellant kien liebes ilbies li kien jaqbel kważi perfettament mal-ilbies li Carbonaro kien xehed li ra fuq dik il-persuna li Camilleri beda jirreferi għaliha bħala l-ħalliel.

50. L-Ispettur Stephen Gulia, f'paġna 40, jixhed hekk:

[14] Enfasi ta' din il-Qorti.
[15] Enfasi ta' din il-Qorti.
[16] Enfasi ta' din il-Qorti

Minn naħa tagħna, ir-Reat Maggiuri, bdejna nagħmlu l-enquiries tagħna mas-CCTV cameras fejn irriżulta **li l-persuna li kien qiegħed jiġri,**[17] li l-aggressur beda jiġri fid-direzzjoni Triq Mimosa.

51. Illi s-Surġent PS 90 Jeffrey Gerada jidħol f'iktar dettall fuq l-identifikazzjoni tal-persuna de quo mill-analiżi li l-Pulizija għamlu tal-cameras tas-sigurta' hekk kif f'paġna 72 tax-xhieda tiegħu huwa jixhed hekk:

Komplejna l-investigazzjoni tagħna Sinjura Maġistrat, u ffokajna fuq il-cameras li kien hemm fil-viċin, fejn konna iċċekjajna l-Premium Bakery fejn hemmhekk **dehret persuna tiġri,**[18] fid-data imsemmija, għall-ħabta tat-tieleta u tnejn u għoxrin minuta (3.22), il-camera tinstab f'Our Lady of Sorrows Street, li hija l-ewwel triq li tiġi ma' Triq Qrejten, il-Ħamrun. Minn hemmhekk ukoll iċċekjajna l-camera Orthopaedic **fejn deher persuna miexi bi flokk partikolari u ċioe kellu miktub 'Uniflesh, the best'**[19] **fuq quddiem**, **kien jidher ta' kulur griż**. U rajna ukoll camera 44, Stella Maris Saint Luke's Road, Ħamrun fejn l-istess persuna nqabad jimxi. Meta rajnih il-filmat **kien b'xagħaru** kif indikalna kważi kważi tista' tgħid il-vittma, u wkoll kien **liebes karkur u shorts tal-Jeans blu.**[20] Wara l-jiem ta' wara komplejna l-investigazzjonijiet tagħna Sinjura Maġistrat, fejn imbagħad konna wasalna mill-filmati li konna rajna, is-suspettat kien ċertu James Demanuele, ID Card 235374M, nagħrfu hawn preżenti fl-awla.

52. Illi PS 90 Jeffrey Gerada esebixxa wkoll numru ta' ritratti indikati bħala Dok. JG1 u l-ħwejjeġ u l-karkur li huwa xehed dwarhom ġew esebiti bħala ritratti numru 6, 7 u 8 rispettivament. Dawn l-istess osservazzjonijiet u kwindi – l-identifikazzjoni tal-ħwejjeġ li kien liebes dik il-persuna maskili li dehret fl-imsemmija filmati tas-sigurta kif intqal – jerġgħu jissemmew ukoll fix-xhieda ta' PC 1404 Dale Cassar fejn f'paġna 90 tax-xhieda tiegħu fuq mistoqsija tal-Qorti tal-Maġistrati) Malta) huwa jixhed hekk:

Il-Qorti: Kif taf li kien bih waqt is-serqa?
Ix-xhud: Mis-CCTVs ħriġt l-istampi u mill-istampi li kien hemm il-flokk u l-qalziet u l-karkur li kien liebes bihom li huma l-istess li ġew elevati.

---

[17] Enfasi ta' din il-Qorti.
[18] Enfasi tal-Qorti.
[19] Hawnhekk din il-Qorti tqis li t-Tshirt deskritt minn PS 90 Jeffrey Gerada fil-verita minn paġna 78 tal-atti proċesswali jidher li għandu l-kitba 'Unleash the beast' u mhux 'Uniflesh the best' kif xehed dan l-uffiċjal tal-Pulizija. Biss, din il-Qorti mgħandix dubju li PS 90 qiegħed jirreferi għall-istess T-shirt mertu ta' dawn il-proċeduri u li hu stess għamel referenza għalih f'paġna 78 tal-atti proċesswali.
[20] Enfasti tal-Qorti.

53. Illi l-istess jixhed PC1191 Jonathan Galea fejn f'paġna 217 tax-xhieda tiegħu dan ukoll jikkonferma **<u>kif fil-filmati li ġew elevati mill-inħawi ta' Triq Qrejten</u>** fejn kienet seħħet is-serqa, kienet dehret persuna liebsa:

> ...flokk partikolari bil-kelma 'Unleash the Beast' fuqu fejn dak il-ħin li ġie arrestat James Demanuele kien liebes l-istess flok, fejn minn hemmhekk bdiet it-tfittxija ġewwa kamra A(2A) ġo Charlie's Guest House, l-Imsida. Tul it-tfittxija ġol-kamra fejn kien jgħix dak iż-żmien is-Sur Demanuele ġie elevat shorts tal-Jeans fejn kellu pockets kbar mal-ġnub li deher simili ħafna jekk mhux identiku għal tal-istills li ġew elevati, kif ukoll flip flop tal-kulur blu bil-lines bojod fuqu, li deher ukoll fis-CCTV cameras.

54. Minn dak li xehdu l-uffiċjali tal-Pulizija, jirriżulta kif dik il-persuna li dehret fil-filmat:

(i) dehret miexja b'pass mgħaġġel fil-filmati meħuda minn Triq Qrejten u fil-madwar, fil-ħin indikat minn Camilleri bħala l-ħin li kien safa' derubat;

(ii) kienet dik l-istess persuna li Carbonaro sema' lil Camilleri jgħajjatlu 'ħalliel' hekk kif dan tal-aħħar kien indikah bħala dik il-persuna li kienet għadha kemm daħlet tisirqu ġewwa daru; u

(iii) l-istess persuna kienet liebsa T-shirt bil-kitba 'Unleash the beast', three quarters tal-Jeans u karkur. U dawn l-istess biċċiet ta' ħwejjeġ ma deherux biss fil-filmati meħuda minn Triq Qrejten u mill-madwar, iżda jerġgħu jidhru wkoll f'filmat meħud minn Kebab Factory, Conception Street l-Imsida datat 18 ta' Ottubru 2020. Dan il-filmat jirriżulta li l-Pulizija elevawh minħabba li dakinhar stess tat-18 ta' Ottubru 2020, James DEMANUELE kien daħal l-Għassa tal-Imsida sabiex jirraporta li kien safa' aggredit minn ċertu Paul Spagnol minħabba xi kwistjonijiet ta' flus.

55. F'dan ir-rigward, l-Ispettur Gulia jixhed f'paġna 40 et seq:

> Minn aktar stħarriġ mas-CCTVs li hemm madwar l-għassa tal-Imsida, irriżulta li waqt li James Demanuele kien sejjer **jagħmel ir-rapport James Demanuele kien għadu liebes l-istess ħwejjeġ li jidher fihom meta kien qed jaħrab mix-xena tad-delitt, minn xena fejn seħħ id-delitt aktar qabel ġewwa Triq Qrejten, il-Ħamrun.**[21] F'dan il-filmati jidher li James Demanuele qiegħed inaddaf wiċċu minħabba li kellu d-demm minħabba dan l-argument. Mis-CCTVs irriżulta ukoll li waqt li kien qed jaħrab wara li seħħ l-inċident ġewwa Triq Qrejten, James Demanuele uża l-mobile, beda juża l-mobile.

[21] Enfasi ta' din il-Qorti.

56. L-appellant DEMANUELE innifsu jikkonferma li dakinhar kien liebes T-shirt, three quarters tal-Jeans u karkur meta mar jagħmel ir-rapport l-Għassa tal-Imsida, u dan peress li fix-xhieda tiegħu f'paġna 317 jgħid hekk:

> Pros: U wara li għaddejt minn din it-triq, minn Triq Qrejten, inti tifakar 'il fejn mort imbagħad?
> Ix-xhud: Lejn it-track bar.
> Pros: Wara? Wara fejn mort?
> Ix-xhud: Wara mort il-każin tal-banda.
> Pros: U dan l-argument fejn seħħ?
> Ix-xhud: Fil-parapett jekk jogħġbok tal-każin tal-banda.
> Pros: Il-każin tal-banda. Tiftakar dakinhar x'kont liebes ħwejjeġ inti?
> Ix-xhud: Jiena kont liebes three quarters tal-Jeans, kelli flokk mingħalija blu bl-isfar jekk mhux sejjer żball, u karkur ċelesti bl-abjad.

57. Iktar 'l isfel fix-xhieda tiegħu mbagħad, jikkonferma li l-ħwejjeġ li kien liebes dakinhar li kien mar jagħmel rapport fl-Għassa tal-Imsida kontra Paul Spagnol kienu dawk li kienu jidhru fir-ritratti esebiti fl-atti proċesswali f'paġna 78 u 79 tal-istess:

> Il-Qorti: Ħa nistaqsik domanda. Fol 78 u 79 tal-proċess, ara tagħrafx xi ħaġa u jekk tagħraf x'qed tagħraf?
> Ix-xhud: Dawn li kont liebes jiena, iva.
> Il-Qorti: F'paġna 78 x'qed tara?
> Ix-xhud: It-T-shirt jekk jogħġbok u t-three quarters
> Il-Qorti: U x'inhuma dawk?
> Ix-xhud: Shorts.
> Il-Qorti: Ehe, le naf. Tagħrafhom bħala xiex?
> Ix-xhud: Li kont liebes jiena bihom.
> Il-Qorti: Eh, kont liebes inti. Il-paġna ta' wara?
> Ix-xhud: Dan il-karkur blu,, iċ-ċelesti ngħidlu jien blu, bl-abjad.
> Il-Qorti: Ehe, Tagħrfu?
> Ix-xhud: Ehe, iċ-ċelesti li kelli jiena.
> Il-Qorti: Tiegħek jiġifieri.
> Ix-xhud: Ehe, ehe.
> **Il-Qorti: Li kont liebes inti.**
> **Ix-xhud: Ehe.**
> **Il-Qorti: Vuoldiri meta inti tlajt il-Ħamrun dawk kont liebes.**
> **Ix-xhud: Iva mela.**
> **Il-Qorti: Qed nifhem tajjeb?**
> **Ix-xhud: Iva.**[22]

58. Imbagħad, l-Ispettur Gulia meta xehed f'paġna 41 jirrakkonta kif il-konvinzjoni tal-Pulizija dwar l-identifikazzjoni ta' James DEMANUELE bħala l-persuna li serqet lil Camilleri kompliet tikber

[22] Enfasi ta' din il-Qorti.

mhux biss għax kienu għarfu lil DEMANUELE mill-filmati li ttieħdu mill-inħawi tas-Serqa **minħabba li dan kien persuna familjari mal-Pulizija**, u għaliex dawk l-istess ħwejjeġ dehru wkoll fil-filmati li ttieħdu mill-inħawi tal-Għassa tal-Pulizija ftit qabel ma DEMANUELE daħal jirraporta lil Paul Spagnol, iżda wkoll għaliex meta nhar il-21 ta' Ottubru 2020 DEMANUELE kien ġie msejjaħ l-Għassa tal-Imsida sabiex jiġi mitkellem fuq rapport ieħor separat, huwa ppreżenta ruħu b'dak l-istess T-shirt bil-kitba 'Unleash the Beast', li l-Pulizija kienu għarfu mill-imsemmija filmati analizzati ftit tal-jiem biss qabel. Fil-fatt f'paġna 40 tal-atti proċesswali l-Ispettur Gulia jixhed hekk:

> Minn stħarriġ li sar mas-CCTVs ukoll intgħaraf dan il-persuna u ntgħaraf bħala James Demanuele li qiegħed nagħraf preżenti fl-awla, detetur tal-karta tal-identita' bin-numru 235374M li huwa magħruf mal-pulizija rigward rapporti oħra.

59. F'paġna 41 tal-istess Spettur jixhed hekk:

> Ta' min jinnota ukoll illi meta ġie arrestat ġewwa l-għassa James Demanuele kien għadu liebes l-istess T-shirt li ntuża fir-reat ta' 293, Triq Qrejten, kien liebes l-istess flok. Għaldaqstant ġie mitluba l-assistenza ta' PC 1404 u PC 1991 fejn irrikorrew immedjatament fuq il-post indikat sabiex issir tfittxija fir-residenza fejn kien qed joqgħod James Demanuele f'dak il-mument, ċjoe' Charles Guest House, Room 2A, Triq il-Wied tal-Imsida, Imsida. Mit-tfittxija li saret ġewwa din ir-residenza rriżulta nstabu ġewwa din ir-residenza l-karkur li jidher fil-filmati tal-inċident ta' Triq Qrejten, it-T-shirt ġie mitlub li jitneħħa minn fuqu u jilbes T-shirt ieħor għax kien evidenza, kien l-istess T-shirt li ntuża fir-reat u kif ukoll shorts tal-Jeans li huwa l-istess wieħed li ntuża fir-reat ta' Triq Qrejten.

60. F'paġna 72 tax-xhieda tiegħu PS 90 Jeffrey Gerada jibni fuq li dak li xehed l-Ispettur Gulia:

> Fejn imbagħad fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kont assistejt lill-Ispettur Stephen Gulia fejn konna nafu illi kien hemm James Demanuele kien qiegħed l-għassa tal-Imsida. Minn hemmhekk morna aħna mal-ewwel fl-għassa tal-Imsida, indikajna li aħna pulizija, tah il-mandat u fil-fatt tajnih id-drittijiet tiegħu, id-drittijiet legali. Innutajt ukoll Sinjura Maġistrat, illi kont ħadt xi ritratti peress illi meta kien ġie arrestat f'dak il-mument is-suspettat u ċjoe James Demanuele kien liebes flokk...li kien jindikalna l-istess flokk jew ħa ngħidu hekk flokk bħalu li nqabad fuq il-cameras tas-sigurta.
>
> Minn hemmhekk konna morna għamilna tfittxija ġo, għax hu kien qed jgħix ġo Charlie Guest House, Room 2A, Valley Road, Imsida, fejn hemmhekk morna jiena, assistejt lill-Ispettur Gulia u kollegi oħra, fejn saret tfittxija hemmhekk sibna u ċioe' innutajna shorts illi kien jixbaħ ħafna dak li rajna fil-filmati, kif ukoll karkur li kien jixbaħ ukoll fil-filmat.

61. PC 1404 Dale Cassar jixhed dwar kif il-ħwejjeġ li sabu fl-indirizz li tahom l-appellant bħala r-residenza tiegħu, kienu bħal dawk li kienu raw fuq il-persuna li deher fuq il-filmati ta' Triq Qrejten ġewwa l-Ħamrun dakinhar tas-serqa:

> Pros: Mela, konna qed ngħidu x'ġie elevat minn din is-search, x'irriżulta.
> Ix-xhud: Sewwa, Il-qalziet tal-Jeans qisu three-quarters, flokk li kien bih ukoll waqt is-serqa, kien dak il-ħin bih ukoll, kif ukoll karkur. Għandi r-ritratti ukoll qegħdin attached mal-
> Il-Qorti: Kif taf li kien bih waqt is-serqa?
> Ix-xhud: Mis-CCTVs ħriġt l-istampi u mill-istampi kien hemm il-flokk u l-qalziet u l-karkur li kien liebes bihom li huma l-istess li ġew elevati.

62. Illi minn dawn il-provi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tikkonkludi li dik il-persuna li dehret miexja fil-filmati meħuda mill-inħawi ta' fejn seħħet is-serqa kienet James DEMANUELE u dan peress li DEMANUELE kien liebes l-istess ilbies li kienu jidhru fil-filmati u mill-filmati l-Pulizija identifikaw li dik il-persuna kienet fil-fatt James DEMANUELE.

63. Il-ġurisprudenza Maltija, simili għal dik ingliża, tippermetti li identifikazzjoni ta' persuna tista ssir minn fuq filmati jew ritratti. Dwar dan il-punt, fis-sistema proċedurali Ingliż, u li fuqu l-Liġi proċedurali penali Maltija hija msejsa, il-Blackstone's Criminal Practice 2019 għandu dan x'jgħallem :

> The contents of photographs and films on which a party seeks to rely may be proved by the production of the original; or by the production of a copy proved to be an authentic copy; or by the parol evidence of witnesses who have seen the photograph or film. In Kajala v Noble (1982) 75 Cr Aoo R 149 Ackner LJ held that the rule, that if an original document is available in a party's hands he must produce it and cannot give secondary evidence of it, was confined to written documents in the strict sense of the term and has no relevance to tapes or films. In Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225, a video cassette recording, made by a security camera and showing a person in a shop picking up an item and putting it into his jacket, was played to police officers who identified the person as Taylor. The recording, after it had been returned to the shop, was accidentally erased. Evidence by the officers of what they had seen on the video was held to have been properly admitted, on the ground that what they had seen on the video was no different in principle from the evidence of a bystander who had actually witnessed the incident, and the appeal against conviction was dismissed.11 The Court of Appeal held that the weight and reliability of the evidence had to be assessed carefully, and because identification was in issue, by reference to the guidelines laid down in Turnbull (1977) QB

224, which had to be applied in relation to not only the camera, but also to the visual display unit or recorded copy and the officers. See also Constantinou (1989) Cr App R 74.

L-implikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza Ingliża hija importanti ħafna għall-fini ta' dan il-każ inkwantu jammetti l-ammissibbilita bħala evidenza fi proċeduri kriminali:

**just as a video recording of the commision of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position a a witness with a 'direct view of the action' Taylor vs Chief Constable of Cheshire 12 (1986) 1 All ER 225 32.**

64. Skont l-insenjament **f'Taylor**, l-identifikazzjoni tal-malviventi minn fuq filmat ta' CCTV camera għandha l-istess valur probatorju daqs dik l-identifikazzjoni magħmula minn persuna *with a direct view of the action*. Din l-identifikazzjoni pero' għandha ssir b'ċerta kawtela u b'rispett massimu għall-linji gwida imfassla fil-każ **Turnbull** liema linji gwida jimponu l-obbligu fuq il-ġudikant li jistħarreġ iċ-ċirkostanzi kollha li jkunu wasslu lix-xhud sabiex jidentifika lill-malviventi minn fuq l-imsemmi filmat. L-istudju ta' dawn iċ-ċirkostanzi jikkomporta wkoll li l-ġudikant jistaqsi domandi bħalma huma dawk segwenti:

How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light?
Was the observation impeded in any way e.g. by traffic or other people?
Had the witness ever seen the accused before? If so, how often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused?
How long had elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police?

Was there any material discrepancy between the description given by the witness and the actual appearance of the accused?

65. Bħal f'**Taylor** kwindi, hawnhekk minn kliem l-uffiċjali tal-Pulizija, b'mod partikolari minn dak li xehed l-Ispettur Steven Gulia, setgħet tipproċedi għall-identifikazzjoni tal-persuna li dehert mill-filmati ta' Triq Qrejten fejn kienet seħħet is-serqa u minn dawk il-filmati li ttieħdu minn stabbiliment li jbiegħ il-kebabs viċin l-Għassa tal-Imsida, preċiżament għaliex diversi membri tal-Pulizija li raw dawk il-filmati kienu jafu lil James DEMANUELE diġa minn diversi investigazzjonijiet oħra li kellhom qabel. Huma juru kif l-appellant kien wiċċ magħruf sew mal-Pulizija. Dan huwa konfermat ukoll mill-fedina penali tal-appellant liema fedina turi storja twila ta' każijiet kriminali, kundanni u plurireċidiviżmu fuq medda ta' **sebgħa u**

**<u>għoxrin sena</u>**. Għalhekk, fid-dawl tal-linji gwida **f'Turnbull**, din il-Qorti tqis li hija attendibbli l-identifikazzjoni ta' DEMANUELE magħmula mill-uffiċjali tal-Pulizija.

66. Din l-identifikazzjoni ta' DEMANUELE magħmula mill-Pulizija trid tinqara flimkien mal-identifikazzjoni tal-persuna li kien ra' x-xhud Carbonaro, li, mix-xiehda tiegħu identifika lill-appellant bħala dik l-istess persuna li kienet liebsa l-jeans three quarters, il-flokk skur u l-karkur fi Triq Qrejten u li għaliha d-derubat Camilleri kien ħaraġ jgħajjat fit-triq u jsegwi u li għaliha wkoll jirreferi bħala dik il-persuna li kienet serqitu ftit ħin qabel.

67. Din l-identifikazzjoni tal-appellant mil-filmati lanqas ma kienet imfixkla minn xi persuni oħra li setgħu jikkorrispondu għal dik id-deskrizzjoni tal-persuna tas-suspettat ħalliel li kienet ingħatat lill-Pulizija mix-xhud Philip Carbonaro u għalhekk *the observation was not impeded in any way*. Lanqas ma kien hemm trapass ta' żmien minn meta ġew analizzati l-imsemmija filmati meħuda mill-inħawi ta' fejn seħħet is-serqa u l-identifikazzjoni ta' DEMANUELE bħala l-persuna involuta fis-serqa – la minn Carbonaro u l-anqas mill-Pulizija. B'hekk lanqas ma kien hemm ir-riskju li l-ħalliel seta' biddel xi aspetti mill-fiżiċita' tiegħu tant li allura kien ikun hemm diskrepanza bejn id-dehra ta' dik il-persuna li Carbonaro (fiżikament) u l-Pulizija (mill-filmati) raw miexja fl-inħawi ta' Triq Qrejten.

68. Minbarra dan, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jikkunsidraw ukoll li min-natura tax-xogħol innifsu, Uffiċjali tal-Pulizija huma struwiti iżjed minn persuni pajżana f'dak li għandu x'jaqsam ma identifikazzjoni ta' oġġetti jew persuni. Il-Qrati Ingliżi wkoll sostnew dan il-prinċipju hekk kif per eżempju **f'R vs. Ramsden** (1991) Crim.L.R. 295, CA intqal is-segwenti:

> An identifying witness who is involved in the criminal justice system is likely to have a greater appreciation of the importance of identification, and so to look for some particular identifying feature. **Honest police officers are likely to be more reliable than the general public, being trained and less likely to have their observations and recollections affected by the excitement of the situation.**[23] Provided that the usual warnings are given, the reasons scrutinised and the integrity of the witness is not in doubt, the tribunal can give effect to what is only common sense.[24]

---

[23] Enfasi ta' din il-Qorti.
[24] The Crown Prosecution Service, accessed: 12.3.2022

69. Kif intqal, l-identifikazzjoni ta’ DEMANUELE minn fuq il-fimlati per se ma tippruvax b’mod sikur li kien DEMANUELE li wettaq is-serqa tal-anzjan Camilleri. Ir-rabta bejn DEMANUELE u s-serqa nnifisha tistrieh fuq evidenza ċirkostanzjali oħra, inkluż il-lok tas-serqa, il-lok fejn kien jinstab DEMANUELE fis wara s-serqa minn dak il-lok, l-imġieba tal-vitma li ħareġ immedjatament mid-dar tiegħu wara l-persuna li serqitu u fit-triq prova jsegwi lil dak li serqu waqt li beda jgħajjat lejn dak li serqu, l-imġieba tax-xhud Carbonaro li ra lil dik il-persuna li Camilleri kien qed jirreferi għaliha fit-triq bħala l-persuna li kienet serqitu u ra li kien raġel, liebes T-shirt skur – griż jew kannella, jeans three quarters u karkur, l-imġieba tal-istess DEMANUELE li Carbonaro jiddeskrivih bħala li għal bidu kien qiegħed miexi iżda wara ftit beda jiġri.

70. Dak li wassal lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex tikkonkludi b’ċertezza li dik il-persuna li serqet lill-anzjan Camilleri kien fil-fatt James DEMANUELE kienet evidenza ċirkostanzjali li meta tgħaqqadha flimkien, għalkemm ma twaslekx saċ-ċertezza assoluta, hija pero ġabra ta’ evidenza ċirkostanzjali biżżejjed univoka, lineari u sikura li twaslek biex tikkonkludi, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li fil-fatt kien DEMANUELE li wettaq din is-serqa. U dan l-aħħar grad ta’ suffiċjenza probatorja huwa dak li fuqu Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali tista’ ssib ħtija f’persuna akkużata jew imputata.

71. Minn dawn il-provi jirriżulta li :

i) Li l-persuna li dehret miexja fil-filmati li ttieħdu minn l-inħawi ta’ fejn seħħet is-serqa ġiet indikata minn Philip Carbonaro bħala dik il-persuna li ra lil Camilleri jgħajjatlu ‘ħalliel’.
ii) Carbonaro segwa lil din il-persuna, ġie wiċċ imb’wiċċ magħha u għalhekk meta xehed viva voce quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kien kapaċi jidentifika lil dik il-persuna li kien ra l-Qorti bħala l-imputat bħala dik il-persuna li Camilleri beda jsejjaħlu l-‘ħalliel’. Carbonaro għaraf ukoll il-ħwejjeġ li kien ra lil dik il-persuna liebsa dakinhar tal-inċident;
iii) Il-filmati elevati mill-Pulizija fl-inħawi indikati minn Carbonaro bħala dawk l-inħawi li kien ra miexja b’pass mgħaġġel lil dik il-persuna indikata bħala l-ħalliel’, juru persuna maskili li taqbel mad-deskrizzjoni tal-persuna li kien indikalhom Carbonaro bħala l-persuna msemmija f’punti);

iv) Il-ħwejjeġ li kienet liebsa dik il-persuna indikata bħala l-ħalliel u li l-Pulizija minn analiżi ta' filmati għarrfu bħala DEMANUELE - stante li kien wiċċ familjari magħhom – kienu dawk l-istess ħwejjeġ li deher liebes DEMANUELE meta dakinhar stess tas-serqa, u ċjoe' nhar it-18 ta' Ottubru 2020, kien reġa' inqabad mill-filmati ta' Kebab House qrib l-Għassa tal-Imsida, ftit minuti qabel daħal jagħmel ir-rapport tiegħu kontra Spagnol dakinhar stess. Dan il-fatt jikkonfermah ukoll fix-xhieda tiegħu kif ingħad. Dan l-istess T-shirt bil-kelma 'Unleash the Beast' huwa reġa' libsu anki dakinhar li ġie arrestat l-Għassa tal-Imsida fil-21 ta' Ottubru 2020 (filwaqt li kien qiegħed hemmhekk sa biex jiġi mitkellem b'rabta ma' investigazzjoni oħra) u għal dak li jirrigwarda l-karkur u l-Jeans three quarters li l-Pulizija kienu identifikaw mill-filmati li ttieħdu dakinhar tas-serqa fl-inħawi ta' Triq Qrejten, dawn ukoll instabu għand l-appellant fl-indirizz li pprovda huwa stess lill-Pulizija bħala r-residenza tiegħu fiż-żmien tat-twettiq tal-allegata serqa mir-residenza ta' Camilleri.  Ta min jinnota wkoll li anke t-tip ta' jeans li kien liebes DEMANUELE f'dan il-każ – tat-tip three quarters – huwa wkoll tip ta' qalziet li ma għadux daqshekk jintlibes minn ħafna rġiel.

v) Il-geo localisation tat-telefon ċellulari tkompli ssaħħaħ dik l-identifikazzjoni li saret permezz tal-filmati hekk kif dawn juru biċ-ċar il-preżenza tal-appellant f'dawk l-inħawi ta' fejn seħħet is-serqa, fil-ħin approssimattiv li ġie indikat minn Camilleri bħala l-ħin li kien safa' derubat f'daru. Huwa minnu li l-appellant qatt ma ċaħad li kien qiegħed f'dawk l-inħawi u f'dawk il-ħinijiet dakinhar tat-18 ta' Ottubru 2020. Biss meta din il-prova tinqara flimkien mal-provi ċirkostanzjali kollha l-oħra hekk kif intqal, ma tħalli ebda dubju dettat mir-raġuni ta' x'kien qiegħed jagħmel DEMANUELE f'dawk l-inħawi ta' Triq Qrejten, dakinhar tat-18 ta' Ottubru 2020.

vi) Apparti minn hekk, ma jirriżultax li l-anzjan Carmelo Camilleri ġie kontradett meta xehed li dakinhar tat-18 t'Ottubru 2020 kien safa' vitma ta' serq ta' flus fl-ammont li jiżboq l-elf euro.  Is-serqa tal-flus per se ma ġietx kontestata u allura din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tikkonkludi li Carmelo Camilleri verament ġie misruq kif xehed quddiemha f'paġna 50 il-quddiem.

72. Illi magħdud, dan kollu, din il-Qorti tqis ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma straħietx biss fuq l-interpretazzjoni tal-filmati u l-identifikazzjoni ta' DEMANUELE kif magħmula mill-Pulizija iżda hi wkoll rat dawn il-filmati u waslet għall-konklużjonijiet tagħha, liema konklużjonijiet kienu jaqblu mat-teżi tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-involviment ta' DEMANUELE bħala l-awtur ta' dik is-serqa li saret minn 293 St. Louis Triq Qrejten, Ħamrun. Din il-Qorti wkoll rathom dawn il-filmati u rat ukoll kif dawn kienu ċari biżżejjed sabiex jippermettu l-identifikazzjoni tal-appellant. Anki l-kuluri tal-ħwejjeġ li kienet liebsa dik il-persuna tal-filmati kienu jidhru sew hekk kif kienet ukoll tispikka l-kitba li l-istess kellha fuq it-T-shirt u ċjoe' il-kitba 'Unleash the Beast', liema T-shirt, kif diġa' intqal iktar 'il fuq, kellu rwol ċentrali fl-investigazzjoni tal-Pulizija li waslet għall-identifikazzjoni tal-malviventi.

73. Iżda l-appellant jattakka wkoll ix-xiehda tal-anzjan Carmelo Camilleri fejn dan xehed dwar l-identifikazzjoni tiegħu. L-appellant jargumenta li meta xehed viva voce quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-anzjan Camilleri ma kienx ċert li dik il-persuna li kienet tinsab mixlija f'dawk il-proċeduri kien propju l-istess bniedem li kien daħal jisirqu dakinhar tat-18 ta' Ottubru 2020.

74. Sa ċertu punt l-appellant għandu raġun li jgħid li l-identifikazzjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala l-persuna li serqet lil dak ix-xhud ma kinitx waħda serena u sikura. Biss, pero' din il-Qorti tqis li minn qari akkurat tal-atti proċesswali, b'mod partikolari tax-xhieda ta' Camilleri nnifsu, jirriżulta li Camilleri **<u>kien diġa' għaraf lill-aggressur tiegħu u identifikah mal-Pulizija permezz ta' użu ta' ritratti li fix-xogħol tal-Pulizija serviet bħala dik li tissejjaħ 'identification parade'</u>**.

75. Il-Liġi Maltija ma tirregolax tassattivament kif għandha ssir l-'identification parade'. Fl-assenza ta' regoli ben definiti ta' kif issir identification parade barra minn awla ta' Qorti – ad eżempju f'xi Għassa tal-Pulizija jew x'mkien ieħor b'rabta ma' investigazzjoni ta' reat – huwa meħtieġ li jiġu segwiti regoli bażiċi li qabel xejn huma regoli ta' prudenza u tal-bwon sens. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Stephen Zammit,** deċiż nhar is-16 ta' Lulju 1998, intqal:

> Din id-dispożizzjoni, naturalment tapplika għall-identifikazzjoni f'Qorti, meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra l-Qorti, bħal per eżempju, fil-għassa tal-pulizija u li għalhekk tkun <u>ippreċediet</u> l-identifikazzjoni f'Qorti, il-liġi tagħna ma tgħid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza iddettati mill-buon sens li għandhom jiġu osservati speċjalment f'dawk li

> jissejjħu identification parades, dawn ir-regoli huma intiżi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bħala l-awtur ta' reat jew bħala l-persuna altrimenti nvoluta fih tkun attendibbli b'mod li l-ġudikant tal-fatt ikun jista' jserraħ moħħu li ma hemmx żball f'dik l-identifikazzjoni.

76. Illi f'dan il-każ għalhekk ma jistax jingħad li l-vittima ma kienet qatt għarrfet lill-aggressur tagħha. Iżda, dan ir-rikonoxximent da parte ta' Camilleri, anzjan ta' 95 sena, **seħħ l-għada stess** li kien ra lill-aggressur tiegħu. Iżda meta l-anzjan xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta allura kienu diġa għaddew madwar ħmistax il-jum minn dakinhar tas-serqa, huwa ma kienx baqa' daqshekk ċert fl-identifikazzjoni tiegħu. Fi kliemu, f'paġna 53, Camilleri jgħid hekk :

> **…**Mort l-għassa għamilt ir-rapport; l-għada ċempluli l-għassa qaluli, 'dan qbadnih ta fuq il-camera,'' qed tifhem? U waranofsinhar jiġi pulizija, **kellu karta daqshekk u kellu disa' irġiel fuqha, wiċċhom**[25], qalli ''ara tagħrfux?'' għidtlu, ''dan hu''. Qalli, ''iva, dak li qbadna.'' Qed tifhem?

77. U minn kliem Camilleri, jidher li fil-proċedura addottata sabiex issir l-identifikazzjoni ta' DEMANUELE da parte ta' Camilleri l-Pulizija segwiet il-linja tal-bwon sens hekk kif iddettata fil-każ **Zammit**. L-anzjan jirriżulta li ġie muri disa' ritratti ta' rġiel u ntalab biex jara jagħrafx lil dak li daħal jisirqu. L-anzjan hekk għamel. Skont Camilleri, din l-identifikazzjoni saret billi ġie muri ritratti. Il-metodu użat mill-Pulizija kien inqas suġġett li x-xhud jiġi influwenzat, bħal ma setgħa ġara li kieku kien ġie mitlub jidentifika lill-persuna li serqitu biss minn fuq il-filmati li l-Pulizija kellhom għad-disposizzjoni tagħhom.

## Ikkunsidrat

78. Illi d-difiża tal-appellant tikkontendi wkoll is-sejbien tal-ħtija għat-tieni imputazzjoni ta' sekwestru ta' persuna miġjuba kontra l-appellant liema imputazzjoni jidher li ġiet meqjusa mill-Qorti tal-Maġistrati bħala assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai fini ta' piena u dan b'referenza għall-aggravju tal-vjolenza. Għalhekk, din il-Qorti jeħtieġ tistħarreġ jekk l-appellant għandux raġun li jargumenta kif wieħed mill-elementi li jsawru dan ir-reat – u ċjoe' dak li persuna tiġi meħuda minn post għall-ieħor kontra l-volonta' tagħha – huwa nieqes għal kollox mill-kwadru probatorju ppreżentat mill-

[25] Enfasi ta' din il-Qorti.

Prosekuzzjoni dan hekk kif skont l-appellant l-unika forma ta' vjolenza li jidher li ntużat toħroġ minn kliem il-vittma meta dan jgħid li l-aggressur tiegħu : - 'Qabeż fuqi, qabadli idejja, żammha ma' dahri, imbuttani darbtejn fuq rasi u ħassejt rasi ser taqa'.[26]

79. Illi l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, jippreskrivi s-segwenti:

> Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

80. Dan l-artikolu tal-Liġi storikament ġie importat fil-Kodiċi Kriminali nostran mill-Kodiċi Borboniku u huwa hekk immuddellat fuq l-Artikolu 169 tal-isemmi kodiċi. Mill-ewwel jiġi rilevat li l-iskop tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali huwa li jittutela d-dritt tal-liberta' personali tal-individwu billi jippenalizza kull forma ta' restrizzjoni (illeġittma) fuq din il-liberta' magħmula minn persuna oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' awtorita' kompetenti.

81. Issa, l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jipotizza tlett modalitajiet ta' kif is-suġġett attiv tar-reat jista' jirrestrinġi l-liberta' personali tal-individwu u ċjoe' permezz tal-arrest illegali, tad-detenzjoni jew tas-sekwestru. U f'dan ir-rigward il-ġurisprudenza hija kopjuża in kwantu tirrikonoxxi li għalkemm jidhru simili fis-sustanza, l-arrest illegali, id-detenzjoni u s-sekwestru huma varjeta' tal-istess reat. F'dan ir-rigward anki l-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law Vol: II) jikkummenta fuq din id-distinzjoni u jistqarr kif id-diċitura tal-illum Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali tipprospetta tlett varjetajiet tal-istess reat li għalkemm apparentement simili jistgħu wkoll jeżistu separatament daqskemm jikkoeżistu:

> The words 'arrest', 'detention' and 'confinement' are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: ''Il reat (our Section 85) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro (Roberti – ibid,, para. 323). It was held in France that these three expressions denote three varieties of the same crime which although closely analagous to one another may exist separately. In fat the illegal arrest may subsist as an offence although it is not followed be detention or confinement. Thus a person may be arrested without being detained in his own house without having been previously arrested or may be confined in a lonely place or may, by a fresh act of violence, be confined in a place where he is (Cheveu et Helie – para 2945).

[26] Ara trattazzjoni tad-Difiża fol. 419 tal-atti proċesswali.

82. L-element materjali ta' dan ir-reat jikkonsisti fl-arrest, id-detenzjoni jew is-sekwestru minn persuna privata li ma jkollhiex is-setgħa bil-liġi jew l-awtorizzazzjoni minn awtorita' kompetenti li tagħmel dan. Is-suġġett attiv tar-reat jista' wkoll ikun tali li għad li ma jkunx wettaq fiżikament l-arrest illegali, id-detenzjoni jew is-sekwestru tal-persuna, ikun xjentement ipprovda l-post sabiex ikun jista' jimmaterjalizza tali arrest, detenzjoni jew sekwestru. U dwar l-element materjali tar-reat il-**Corte di Cassazione f'deċiżjoni numru 16094/1990** mogħtija nhar il-5 ta' Diċembru 1990,[27] stqarret:

> Per la sussistenza dell'elemento materiale del delitto di sequestro di persona previsto dall'art.605 c.p., e' sufficiente che vi sia stata in concreto una limitazione della liberta' fisica della persona e cioe' della liberta' di scelta del luogo ove restare o muoversi nello spazio, a nulla rilevando la durata della privazione della liberta' che puo' essere limitata ad un tempo anche breve.

83. Dan fil-fatt juri żvilupp lineari mill-Liġi kif kienet fl-oriġini tal-Kodiċi Kriminali Malti u eventwalment il-Codice Zanardelli, fl-Italja. Kif kien intqal fil-proċedura **Andreas Thomas Kummert vs. Kummissarju tal-Pulizija:[28]**

> This Article speaks of illegal arrest, detention or confinement. In this particular case special emphasis was laid by the applicant on the last hypothesis envisaged by law – confinement, or "sekwestru", in Maltese.
>
> In its original form, this Article 86 of the Criminal Code copies, almost word for word, Article 169 of Book Second of the Code of the Kingdom of the Two Sicilies (R.D.S. Code) that stated : -
>
> > Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio.[29]
>
> According to the majority of the most eminent authors of the time researched by this Court, this offence was derived from the earlier offence of "carcere privato". However it was acknowledged by all authors, since the time of **Carmignani,** that it was not restricted to the mere **arrest** of a person without authority.[30] During his earlier days, **Carmignani** already spoke about the offence of "carcere privato" – (a) in its proper sense and (b) "carcere privato per "equipollenza". However then, even according to that

---

[27] Cassazione penale, Sez. V, sentenza n.16094 del 5 dicembre 1990
[28] Qorti tal-Maġistrati (Malta), digriet tal-19 ta' Diċembru 2014, per AMB.
[29] Il Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.
[30] Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di malta, Napoli, 1854, page 248-249.

early version, the concept of “carcere privato” was restricted to the actual arrest, detention or confinement of a person.

> E’ vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio’ che fu’ una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s’intende poi tale per equipollenza quando taluno nella propria casa abbia coll’ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3).

However it is to be noted that the later R.D.S. Code expanded on this notion of “carcere privato” by explicitly including not only the hypotheses of arrest or detention but also that of “sequestro”.  “Sequestro” was later translated in Maltese law as “sekwestru” and in English “confinement”.

Even though authors acknowledge that this offence in essence reflected and was based on the earlier “carcere privato” offence, the R.D.S. Code gave wider scope to this crime.  The three hypotheses in question catered for three different legal situations and therefore constituted three separate and distinct legal hypotheses that could lead to the same criminal offence.

The third hypothesis - confinement – was interpreted to refer both to the physical confinement of a person in a particular place over a period of time as well as in the act of transportation of a person from one place to another without or against his will.

According to **Roberti**[31] this crime fell within the categories of offences dealing with the protection of personal liberty even though it was listed under sub-title “Dell’uso privato de’ mezzi della pubblica autorita’”. Commenting specifically on the R.D.S. Code, **Roberti** claims that :

> La legge adopera l’espressioni *arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona.* Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo’ attentare alla liberta’ della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di *carcere privato* non s’intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l’impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, **sia trasportandolo suo malgrado o facendolo ovunque trattenere per forza** .... che il reato preveduto nell’art. 169 esista sia quando alcuno **si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro**.[32]

**Roberti** makes it clear that under the R.D.S. Code “sequestro” included also the actual physical movement and transportation of a person from one place to another – as distinguished from the other hypotheses of holding a person in a given place or stopping a person from being able to freely move or do as he pleases.

**Ferrarotti**, commenting on the Code of Piedmont,[33] that contained a similar provision to Article 169 of the R.D.S. Code, states that :

[31] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.
[32] Emphasis added.
[33] Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale, T. Ferrarotti, Torino, 1860, page 294.

> Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e' stato privato della piena liberta' individuale; non e' necessario il concorso della forza materiale e della violenza; *cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini*.

Therefore in order for this crime to be completed and therefore for the "sequestro" to take place, there is no need for there to be any violence or material force exerted on the victim. If there is violence exercised then this renders the crime more serious.

Furthermore he adds that in order for this crime to take place, there is no need to establish any particular motive behind the "sequestro".

Another prominent author commenting on the R.D.S. Code, **Francesco Sav. Arabia**[34] says that:-

> *Arresta* chi privando un'uomo della sua liberta' lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: *detiene* chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: *sequestra* chi priva altri della sua liberta' separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta' civile e' compreso nella sanzione di questo articolo.

Therefore **Arabia** highlights that in order for "sequestro" to take place a person must be separated or at least severed from those who could come to his help. However he does not limit this hypothesis to a deprivation of "liberta' naturale" but also to "liberta' civile" which is wider in meaning.

**Buonfanti** in his "Manuale Teorico-Pratico del Diritto Penale", commenting on the Tuscan Code[35] states that : -

> Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto *materiale*, e la sua *moralita'*. Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per *l'arresto*, la *detenzione*, il *sequestro.* Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici pel loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione….D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perche essa possa essere considerata come arrestata o detenuta… Quanto poi alla *moralita',* ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene.

This latter requirement was also stressed by the much earlier **Carmignani** who highlighted the importance of the usurpation of the magistrates'

[34] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.
[35] J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

authority as being reflected in the acts of the private person committing the crime. Thus he adds that :

> Quanto poi alla causa del fatto medesimo, perche questo abbia a reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dell'agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un autorita' che ai soli magistrati compete.

As mentioned above **Ferrarotti** agrees that no motive is to be proved for the integration of this crime. Even in the words of **Roberti**, this Article 169 of the R.D.S. Code does not require any particular motive – and therefore the material act of arrest, detention or confinement are *per se* punishable. However he agrees that this crime partakes of the crime of *vie di fatto* (similar to the crime of *ragion fattasi* in Maltese Law). He says that unlike the old roman laws and the 1808 code that considered this crime of "carcere privato" as reflecting one's intention to take to law into one's hands, this Article did not require this element. However **Roberti** concedes that in the majority of cases, the arrest, detention or confinement of a person is executed by the perpetrator in order to force himself on another person or situation thereby taking unilateral action by taking the law in his own hands. This element was also to be inferred from the fact that this offence of "carcere privato" was placed immediately following the other offence of "vie di fatto".[36]

This Court, in line in particular with the teachings of **Roberti**, therefore considers that the meaning of confinement – the translation of the Maltese "sekwestru" – or "sequestro" in the R.D.S. Code, includes both the act of physical confinement of a person in a given place over a period of time, as well as the act of movement or transportation of a person from one place to another over a certain spacial distance. Moreover it also agrees with his analysis that given that this offence immediately follows the crime of ragion fattasi in the same sub-title, it can also partake of the motive of the person committing the arrest, detention or confinement to unilaterally take the law into one's hands.

84. Dak li huwa neċessarjament rikjest mil-Liġi huwa li l-aġent tar-reat irid ikun aġixxa fl-assenza ta' ordni skont il-Liġi mogħtija minn awtorita' kompetenti jew mingħajr ma kellu l-poter skont il-Liġi sabiex ikun jista' jżomm lill-vittma kontra l-volonta' tagħha fi stat ta' kostrizzjoni. Għalhekk, irid ukoll jirriżulta li l-vittma tar-reat tkun ġiet miżmuma kontra l-volonta' tagħha wkoll jekk fl-istess dar tagħha u mhux neċessarjament irid jirriżulta li dan seħħ minħabba l-użu ta' apparat estern bħal ħbula eċċ diment li vittima kienet f'dak il-mument inkapaċi li tagħmel dak li trid, inkapaċi li tiċċaqlaq kif trid u tmur fejn trid.

[36] Exactly as the Maltese Criminal Code does.

85. Illi applikati dawn l-insenjamenti ġurisprudenzjali, din il-Qorti ma tistax taqbel li l-elementi tal-volontarjeta’ huwa nieqes u li r-reati kkontemplati fit-tieni imputazzjoni ma jistgħux jiġu integrati. Dak li din il-Qorti ma taqbilx miegħu huwa meta jingħad li l-azzjoni tal-appellant kienet tikkostitwixxi parti mill-aggravju tal-vjolenza fis-sens li f’dan il-każ irriżulta li kien hemm is-sekwestru ta’ Carmelo Camilleri u li dan is-sekwestru kien tali li jikkwalifika s-serqa mill-appellant fuq Camilleri.

86. Biex persuna tisraq persuna oħra mhux meħtieġ li hija teżerċita xi forza jew li tarresta, iżżomm jew tissekwestra lil dik il-persuna. L-appellant setgħa seraq il-flus lil Camilleri mingħajr il-ħtieġa li huwa jirrikorri għal azzjoni ta’ vjolenza kontra l-anzjan, jew li jarresta jew iżomm illegalment lil dan l-anzjan. Setgħa ħataflu l-flus u telaq jiġri l-barra bihom. Izda l-appellant ma għamilx hekk.

87. Camilleri kien ċar fi kliemu meta qal li kien verament li l-appellant daħal fid-dar tiegħu, iżda dan sar wara li Camilleri fetaħlu. Meta Camilleri jgħid li intebaħ x’kien l-appellant, qallu li ma kellux flus, imma l-appellant għamel xi kwarta jparla u l-ħin kollu jsemmi lill-Dr. Mifsud Bonnici. Camilleri jgħid li l-appellant beda jżommu bil-kliem u baqa jinsisti biex jislef mitejn euro lil Mifsud Bonnici u ma riedx jitlaq l-hemm. Iżda Camilleri l-anqas ma jgħid li huwa keċċih il-barra u l-appellant baqa ma obdiħx. Anzi Camilleri jgħid li huwa, biex jeħles mill-appellant aċċetta li jtih il-mitejn euro biex l-appellant jitlaqlu l-barra mid-dar. Kien hemmhekk li Camilleri mexa lejn il-kamra l-oħra u l-appellant mexa warajh. Camilleri fetah il-kexxun, ħareġ xi elf u mitt euro u kien dak il-ħin li l-appellant ra l-flus li qabeż fuq Camilleri, qabadlu jdejh tal-lemin, dawwarielu wara daharu, żammha ma daru, imbuttah darbtejn fuq rasu, ilwielu jdejh, ħa l-flus u telaq jiġri l-barra.

88. Camilleri jgħid hekk:

> Ix-xhud: Euros. U dan x’ħin ra l-flus qabeż fuqi, qabadli idejja.
> Il-Qorti: Liema waħda?
> Ix-xhud: Din il-lemin, il-lemin, dawwarhieli hekk ma’ dahri,
> Il-Qorti: Ix-xhud qed jindika idu mdawwra wara dahru.
> ..../.....
> Ix-xhud: ..u dan qabad il-flus imbagħad, ilwieli idejja din fejn kelli, ħadli l-flus u telaq jiġri ‘l barra. Qed tifhem? U jiena ma kellix ċans naqbdu, bil-kemm kemm niflaħ nimxi.

89. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-azzjoni ta' DEMANUELE fuq l-anzjan kienet tali li arrestat lil Camilleri illegalment; żammet lil Camilleri illegalment għal ħin qasir. DEMANUELE ma kellu ebda awtorita leġittima sabiex ikun jista' jarresta jew iżomm lil Camilleri mil-liberta tal-moviment tiegħu, u wisq anqas li juża vjolenza kontra ta' Camilleri. Biss din l-azzjoni ta' DEMANUELE ma tistax titqies li tikkonfigura fil-fattispecie tas-sekwestru tal-persuna skont it-tifsira ġuridika ta' din il-kelma kif imfissra iżjed il-fuq.

90. Iż-żamma illegali ta' Camilleri ma kienetx testendi fuq ammont ta' ħin konsiderevoli li tista' b'xi mod tikkwalifika l-azzjoni tal-appellant bħala li żamm lil Camilleri fi spazju konfinat għal tul ta' ħin jew li trasporta lil Camilleri minn post għall-ieħor. L-anqas ma jista' jingħad li mill-provi prodotti jirriżulta li matul il-ħin li l-appellant għamel fid-dar ta' Camilleri – xi kwarta jgħid fuq Mifsud Bonnici u l-flus li riedu li jisilfu – l-appellant kien b'xi mod żamm jew issekwestra lil Camilleri. Camilleri almenu ma jgħidx li huwa ħassu b'mod li l-liberta tal-moviment u l-azzjoni tiegħu kienet imxekla. Li l-appellant kien qed jinsisti li jtih il-mitejn euro u li Camilleri ried jeħles minnu, ġie pruvat soddisfaċentement. Iżda dan fih innifsu ma jistax jingħad li jwassal għal sekwestru ta' persuna.

91. Kif intqal qabel, dawn it-tliet ipoteżi – l-arrest, żamma u sekwestru – ma għandhomx tifsira identika. Il-kunċett tal-arrest huwa differenti minn dak taż-żamma u dawn it-tnejn huma differenti minn dak tas-sekwestru.

92. F'dan il-każ, pero jirriżulta li sabiex l-appellant setgħa jisraq il-flus, huwa mar pass oltre u saħansitra uża vjolenza billi lewa' id il-leminija ta' Camilleri wara daharu kif ukoll imbuttah darbtejn fuq rasu. Konsegwenza t'hekk Camilleri jixhed li ħass uġiegħ tant li jgħid li ħass rasu se taqa', mar l-isptar u tawh il-pain killers, iżda rasu baqgħet tuġgħu anke sa ħmistax wara l-inċident meta kien qed jixhed fil-Qorti.

93. B'hekk f'dan il-każ, dak li semmai setgħa jitqies li jikkwalifika l-vjolenza fis-serq kienet din l-offiża fuq il-persuna ta' Camilleri, iżda mhux daqstant dak li l-Prosekuzzjoni sostniet li kien is-sekwestru tiegħu. Fil-fatt dak li l-Liġi tipprovdi bħala aggravju tal-vjolenza għas-serq jinkludi meta s-serq isir flimkien mas-sekwestru tal-persuna. Dan l-aggravju jsemmi biss l-ipoteżi tas-sekwestru tal-persuna u mhux ukoll l-ipoteżi tal-arrest illegali jew iż-żamma tal-persuna. Din il-Qorti terġa ttenni li biex ħalliel jisraq persuna oħra mhux bilfors irid

jarresta jew iżomm lil vitma. Ir-reat ta' serq jista' jkun perfettament integrat mingħajr ma l-vitma tiġi b'xi mod arrestata jew miżmuma. Jekk f'każ partikolari l-vitma apparti li jinsterqulha ħwejjiġha tiġi wkoll arrestata jew miżmuma, bl-istess fatt, il-ħalliel ikun qiegħed jikkommetti żewġ reati distinti. Iżda jekk din iż-żamma tkun għal żmien qasir ħafna, ma jistax jingħad li dik il-persuna tkun ġiet "sekwestrata".

94. Biss jekk is-serq ikun ukoll akkumpanjat minn azzjoni ta' arrest tal-persuna jew żamma tal-persuna li pero ma jwaslux għall-livell tas-sekwestru ma jfissirx li r-reat imsemmi fl-artikolu 86 u 87 tal-Kodiċi Kriminali ma jkunx integrat. Ifisser li dik l-ipoteżi ma tkunx tista' tinkwadra bħala parti mill-aggravanti tal-vjolenza fis-serq.

95. U huwa għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reati imsemmi fit-tieni imputazzjoni, in kwantu għalkemm ma jirriżultax li kien hemm l-ipoteżi tas-sekwestru integrata, xorta waħda ġiet sodisfaċentement pruvata l-ipoteżi tal-arrest illegali jew taż-żamma ta' Camilleri li, del resto, xorta waħda jifformaw parti integrali mir-reat ipotizzat f'din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

96. Illi għal dak illi jirrigwarda l-applikabbilita' tal-Artikolu 257E tal-Kodiċi Kriminali, l-appellant jillamenta li meta dan daħal fis-seħħ permezz ta' Att XXXI tas-sena 2014, il-Leġislatur ma kellux f'moħħu xenarju bħal dak tal-każ de quo fejn anzjan ikun inżamm kontra l-volonta' tiegħu fis-sens l-iktar wiesgħa tas-sekwestru hekk kif ikkontemplat mid-dispożizzjonijiet tal-Arikoli 86 u 87 tal-Kodiċi Kriminali. U sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu, l-appellant iċċita lil Onor. Dr. Justyne Caruana li fiż-żmien id-dħul fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni tal-Liġi kienet segretarju parlamentari għad-drittijiet ta' persuni b'diżabbilita' u tal-anjzanita' attiva. Fid-dibattiti parlamentari li seħħew nhar it-22 Lulju, 2014, Dr. Justyne Caruana kienet qalet is-segwenti fuq l-iskop u l-applikabbilita' tal-Artikolu 257E tal-Kodiċi Kriminali:

> Imbagħad għandna l-artikolu 257E li jittratta dwar l-arrest, żamma jew sekwestru ta' persuna kontra r-rieda tagħha. Dan l-artikolu huwa intiż għal dawk iċ-ċirkostanzi fejn ikollok anzjani li jinżammu kontra r-rieda tagħhom għal skopijiet ta' sfruttament. Irridu ngħiduha kif inhi, għandna ħafna każijiet ta' anzjani li jiġu meħuda minn persuni jew anke minn familjari, jiktbulhom

it-testment, imbagħad jeskluduhom kompletament mill-membri tal-familji l-oħrajn u mill-bqija tas-soċjetà biex ma jkun hemm ebda riskju li jerġgħu jbiddlu t-testment. Dan qed inqisuh bħala ż-żamma tal-persuna kontra r-rieda tagħha u kull min jagħmel dan għal skopjiet ta' eslpjotazzjoni, kif qegħdin ngħidu hawnhekk, se jkun meqjus li jkun wettaq reat u allura jiskattaw ukoll il-pieni applikabbli. Fis-subartikolu 257E(2) qed ngħidu li meta l-imġiba mfissra fis-subartikolu (1) tkun twettqet bl-użu tal-forza, tixħim, qerq, ingann, jew theddid jidħol l-aggravju u hawnhekk qed inżidu l-piena b'żewġ gradi jew saħansitra bi tlieta.

97. L-Artikolu 257E tal-Kodiċi Kriminali jaqra bis-segwenti mod:

Kull min, bla ordni skont il-liġi, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna anzjana jew adult dipendenti kontra l-volontà ta' dik il-persuna jew adult, jew b'xi mod jirrestrinġi jew jostakola l-moviment liberu u aċċess mhux ostakolat ta' persuna anzjana jew ta' adult dipendenti jeħel, meta jinsab ħati l-piena ta'priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin.

(2) Meta l-imġiba mfissra fis-subartikolu (1) tkun twettqet bl-użu tal-vjolenza, forza, tixħim, qerq, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, il-piena għandha tiżdied b'żewġ gradi jew tliet gradi.

98. Din il-Qorti tirrileva li din id-dispożizzjoni tal-Liġi ġiet inserita fil-Kodiċi Kriminali taħt is-Sub-Titolu XI li jittratta 'Dwar l-Abbuż Fuq Persuni Anzjani jew Persuni Dipendenti' u dan in linja ma' dak li jidher li kellu f'moħħu l-Leġislatur meta fil-Parlament ippreżenta dan l-instrument ta' Liġi bħala għodda ta' protezzjoni għal dawk l-anzjani li jkunu partikolarment vulnerabbli għal xi forma ta' vjolenza, pressjoni jew sfruttament minn familjari tagħhom jew minn xi ħadd li jaf jivvantaġġja ruħu minnhom għal skop ta' gwadann personali. Dan jinkludi sitwazzjonijiet bħal fil-każ ta' wirt u bdil fit-testamenti. Iżda l-Liġi mhix ristretta għal dawn l-ipoteżi biss. Din il-Liġi kienet tifforma parti minn sforz akbar sabiex jiġu protetti persuni anzjani li jkunu partikolarment vulnerabbli u suxxettibbli għal abbuż minħabba li bosta minnhom, maż-żmien, jibdew ukoll jiddgħajfu fiżikament u/jew mentalment. Huwa għalhekk li l-Liġi tħarrex il-pieni għal min jikkommetti atti t'abbuż bħal dawk imsemmija kontra persuni anzjani. Dan irid ukoll jitqies fl-isfond tal-kumplament ta' dawn id-disposizzjonijiet li jinsabu fis-Sub-titolu XI tat-Titolu VIII. Fost dawn id-disposizzjonijiet hemm l-artikolu 257D tal-Kodiċi Kriminali li bis-saħħa tiegħu, meta ad eżempju, jiġi misruq anzjan, il-piena tiżdied skont il-valur tal-ħsara kaġunata lil dik il-vitma tas-serq meta din tkun persuna anzjana.

99. Isegwi għalhekk ukoll li meta l-Artikolu 257E tal-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq sitwazzjoni fejn l-awtur tar-reat ikun aġixxa b'mod li rrestrinġa jew ostakola l-moviment liberu jew l-aċċess mhux ostakolat ta' persuna anzjana, din il-Liġi mhix qegħda tiġi ristretta għal xi fattispecie partikolari. Hija miktuba b'mod wiesa' li allura jfisser li l-Leġislatur ried li jinasprixxi l-pieni għal min jarresta, jżomm jew jissekwestra illegalment lil persuna li tkun anzjana. Wara kollox **ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus.**

100. **Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant relattivament għas-sejbien ta' ħtija fuq l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, qegħdin jiġu milqugħa fis-sens biss u limitatament li din il-Qorti tqis li s-serq ma jistax jitqies kwalifikat bil-vjolenza hekk kif bażat fuq l-ipoteżi tas-sekwestru, filwaqt li pero qiegħed jiġi miċħud dik il-parti tal-aggravju li ttenni li l-appellant ma setgħax jiġi misjub ħati tat-tieni imputazzjoni in kwantu l-provi juru li, għalkemm ma ntlaħaqx il-livell tas-sekwestru, xorta waħda rriżulta sodisfaċentement ippruvat li l-appellant ikkommetta azzjoni kontra l-persuna ta' Camilleri li setgħet titqies bħala arrest jew żamma illegali tiegħu.**

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu meritu tat-tielet aggravju tal-appellant.**

101. Illi l-appellant jikkontesta wkoll id-deċiżjoni ta' ħtija anki għar-rigward it-tielet imputazzjoni u dan l-ewwel għaliex jidher li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kinitx korretta meta ċċitat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 339(d) tal-Kodiċi Kriminali, minflok l-Artikolu 339(1)(d) tal-istess u fit-tieni lok għaliex skont hu, dan l-artikolu ma jinkwadrax ruħu fil-fattispecie tal-każ. B'rabta ma' dan it-tieni punt ta' liġi, l-appellant jagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** deċiż fit-12 ta' Diċembru 2019. Illi fir-rigward tal-ewwel lanzjanza f'dan is-sens, din il-Qorti tqis li huwa minnu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jidher li ma kinitx korretta li tagħmel referenza għall-Artikolu 339(d) minflok l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

102. Biss, din il-Qorti tqis ukoll li huwa evidenti li dan kien każ ta' 'lapsus calami vel computeri' anki għaliex l-Artikolu 339 tal-Kodiċi

Kriminali huwa maqsum f'subinċiż numru 1 u s-subinċiż numru 2 u din hija l-unika dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li tirregola l-kontravvenzjonijiet kontra l-persuna. F'din it-tielet imputazzjoni DEMANUELE ġie mixli talli ħebb kontra l-persuna ta' Camilleri sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu l-ħsara. Ikun għalhekk isegwi li lanqas ma jista' jingħad li jeżistu l-estremi tan-nullita peress li din l-impreċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mhix ta' tali gravita li taf toħloq xi dubju dwar l-artikolu li joħloq ir-reat – u ċjoe' l-Artikolu 339(1) tal-Kodiċi Kriminali – li tas-subinċiż d tiegħu l-appellant instab ħati. Illi dan ir-raġunament huwa wkoll in linja ma' skorta ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fosthom, il-kawżi **Il-Pulizija vs. Paul Borg** (6/10/2003), **Il-Pulizija vs. Amanda Pace** (1/10/2003), **Il-Pulizija vs. Carmel Dimech** (2/11/2007), **Il-Pulizija vs. Charlot Aquilina** (20/5/2009), **Il-Pulizija vs. David Briffa** (22/4/2009), **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage** (1/6/2011), **Il-Pulizija vs. Martin Pillow** (18/11/2011), **Il-Pulizija vs. Chillion James Zammit** (1/7/2020).

103. Kwantu għall-applikabbilita' tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali għal fattispecie tal-każ, din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. Caven Cutajar** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Settembru 2020 fejn il-Qorti daħlet fil-profond fuq l-applikabbilita' ta' din id-dispożizzjoni ta' natura kontravenzjonali f'dawk l-istanzi fejn mill-fattispecie tal-każ u miċ-ċirkostanzi kollha li jsawruh, ikun hemm tal-inqas il-prova tal-potenzjalita' tal-kuntatt fiżiku bejn l-akkużat u s-suġġett passiv tar-reat liema prova timmanifesta ruħha fl-użu ta' forza fiżika u vjolenza. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. Joseph Pace** u qalet is-segwenti:

> L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata flartikolu 339(1)(d) tal- Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik ilpersuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. **Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra.[37]** Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' (enfasi mizjuda). **Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis**

[37] Enfasi ta' din il-Qorti.

**wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi.**[38]

104. Illi skont il-ġurisprudenza appena ċċitata kwindi, sabiex jintegra ruħu r-reat ta' natura kontravenzjonali kkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali irid ikun hemm jew il-potenzjalita' tal-użu tal-vjolenza kontra l-persuna bħal meta wieħed ikun per eżempju xejjer daqqa' ta' ponn lis-suġġett passiv tar-reat iżda ma jkunx laqtu u għalhekk ma jkunx seħħ kuntatt fiżiku jew inkella l-akkużat ikun irnexxa fi ħsiebu li jħebb għas-suġġett passiv tar-reat u għalhekk ikun effettivament seħħ il-kuntatt fiżiku. Biss, fit-tieni ipoteżi, ma jridx ikun sar xi reat ieħor jew reat iktar gravi kkontemplat banda oħra fil-Kodiċi Kriminali bħal meta allura l-akkużat ikun ikkawża offiża fuq il-persuna bl-użu tal-vjolenza/kuntatt fiżiku li jkun seħħ mal-vittima tiegħu għaliex f'dak il-każ ikunu japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet tal-Liġi relattivi u mhux il-kontravvenzjoni kkontemplata fl-Artikolu 339(1)(d) tal-istess.

105. U hawnhekk, Carmel Camilleri kien ċar meta xehed li l-appellant lilu rewhielu idejh tant li weġġħu tant li fi kliemu f'paġna 52 tax-xhieda tiegħu, huwa kien mar l-isptar 'u tawni pain killers u xorta ma ħadmux, għalkemm tuġagħni rasi, għadha sa issa'. F'dan ir-rigward din il-Qorti tqis li ġie pruvat bix-xiehda tal-anzjan Camelo Camilleri li huwa ġie offiż fuq il-persuna tiegħu u mhux biss kien hemm ħebb. Kif intqal minn din il-Qorti presjeduta mill-Prim'Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano fl-appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit** tat-30 ta' Marzu 1998, is-sempliċi uġiegħ ikkaġunat minn daqqa jew perkossa tammonta għal ħsara (fil-ġisem jew fis-saħħa) fis-sens tal-artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali.

106. F'dan is-sens għalhekk jirriżulta li f'dan il-każ l-azzjoni tal-appellant fuq l-anzjan ma waqfitx biss fl-istadju tal-ħebb iżda twetqet l-azzjoni iżjed vjolenti tal-offiża fuq il-persuna; u għalhekk l-appellant ġie li wettaq reat ieħor jew reat iżjed gravi. Iżda jidher li l-Prosekuzzjoni qajla ffukat fuq dan il-punt meta ġiet biex tixli lill-appellant bil-kwalifika tal-vjolenza fis-serq in kwantu filwaqt li kkonċentrat ħafna fuq dak li kkunsidrat bħala sekwestru, mill-banda l-oħra naqset milli tisħaq fuq il-fatt li l-anzjan kien safa' vitma ta' aggressjoni mhux biss kien jikkonsisti fil-ħebb iżda li kienet tikkostitwixxi r-reat ta' offiża fuq il-persuna (nonche parti mill-kwalifika tal-vjolenza għall-fini tas-serq per eċċellenza).

[38] Enfasi ta' din il-Qorti.

107. Ġaladarba mill-provi jirriżulta ċar li f'dan il-każ kien hemm l-estremi tar-reat iżjed serju minn dak tal-ħebb, waħda mill-ipoteżi msemmija f'dik il-kontravvenzjoni li fuqha jistrieħ il-potenzjal tas-sejbien tal-ħtija tar-reat kontravvenzjonali avverat ruħha f'dan il-każ. Biss il-Prosekuzzjoni naqset milli tixli lill-appellant bir-reat delittwali tal-offiża fuq il-persuna, minkejja l-prova li kellha f'idejha grazzi għax-xiehda tal-vitma Camilleri.

**Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tilqa' l-aggravju tal-appellant f'dan ir-rigward għalkemm mhux għar-raġunijiet esposti minnu.**

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

108. Illi fl-appell tiegħu l-appellant jikkontendi li l-Qorti illiberatu mir-raba' imputazzjoni tar-reċidiva u talab lil din il-Qorti biex tikkonferma dik il-parti tas-sentenza. Din l-istqarrija mhix għal kollox korretta. Huwa minnu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkonkludiet li ma setgħetx issibu ħati tar-reċidiva speċjali fis-sensi tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali; iżda imbagħad għaddiet biex sabitu ħati tal-addebitu tar-reċidiva fis-sensi tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

109. Fi kwalunkwe każ, biex il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' tapplika l-effetti tar-reċidiva fil-konfront ta' persuna misjuba ħatja ta' delitt, dik il-Qorti qabel xejn tkun trid li ssib lil dik il-persuna bħala li tkun reċidiva fl-ewwel lok. Iż-żieda fil-piena hija **effett** tar-reċidiva u mhux il-kawża. U ġaladarba ż-żieda hija effett tar-reċidiva, biex dak l-effett ikun jista' jiġi fis-seħħ, jeħtieġ li qabel xejn il-kawża tiegħu – jiġifieri r-reċidiva - tkun pruvata. L-effett tar-reċidiva jista' jġib miegħu konsegwenzi serji fuq l-imputat in kwantu Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' żżidlu l-piena ordinarjament imposta mill-Liġi għal dik li tkun stabbilita bl-artikoli tal-Liġi regolanti l-effetti tar-reċidiva b'mod ġenerali jew speċjali.

110. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-addebitu tar-reċidiva fil-konfront tal-appellant DEMANUELE ġie msejjes quddiem il-Qorti tal-

Maġistrati (Għawdex) – u hekk ġie minnha misjub reċidiv – in bażi għal sentenza li ġiet esebita mill-Ispettur Lydon Zammit nhar id-19 ta’ April 2021 f’foljo 280 tal-atti proċesswali liema sentenza hija datata 22 ta’ Novembru 2016. Fis-seduta ta’ nhar it-28 ta’ April 2021, ittelgħet tixhed ukoll Maria Dolores Fenech bħala Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u hija kkonfermat li s-sentenza li esebixxa l-Ispettur Zammit kienet kopja awtentika tas-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Joseph Mifsud kif ukoll li dik is-sentenza ma kienx sar l-ebda appell minnha. Jirriżulta wkoll li fis-seduta tal-10 ta’ Mejju 2021, l-Ispettur Bernard Charles Spiteri kien tela’ jixhed sabiex bħala l-Uffiċjal Prosekutur tal-kawża esebita bħala prova tar-reċedivita’ tal-appellant, jikkonferma l-identita’ tal-appellant. Ikun għalhekk isegwi, li din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet korrettement tqis lill-imputat DEMANUELE qua appellant bħala reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

111. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f’materja ta’ appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita’ li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t’Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone’s Criminal Practice 2004 (supra):
> “The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ‘This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges’ (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: ‘...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court

> might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

112. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
a. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika**

**ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

113. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis <u>anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.</u>

114. Din il-Qorti diġa stqarret kif hija ma kinitx sejra tikkonferma l-kwalifika tal-vjolenza fis-serq in kwantu bażata fuq is-sekwestru (li f'dan il-każ ma rriżultax li kien hemm) kif ukoll fuq il-fatt li l-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali ma setgħax ikun integrat in kwantu f'dan il-każ kien ġie integrat reat iżjed serju, iżda li ma ġiex imputat mill-Prosekuzzjoni. Iżda f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali xliet lill-appellant bl-aggravanti speċjali taħt l-Artikolu 257D(1)(b) u 257E(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u nonche l-addebitu tar-reċediva ai termini tal-Artikolu 50 tal-istess Kodiċi, li huma riżultanti integrati anke fis-sentenza appellata.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tilqa' dan l-appell in parti billi tvarja biss il-konklużjoni tal-istess sentenza appellata fil-paragrafu 34(2) tagħha billi :**

i) **Kwantu għall-ewwel imputazzjoni, tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tar-reat ta' serq kwalifikat bil-vjolenza minħabba s-sekwestru tal-persuna u b'hekk tiddikjarah mhux ħati tar-reat ta' serq kwalifikat bil-vjolenza, iżda minflok tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati ta' serq aggravat bil-valur li ma jaqbisx l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) kif kwalifikata fis-sensi tal-artikolu 257D(1)(b) u 257F(4) tal-Kodiċi Kriminali;**

ii) **Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, kif kwalifikata fis-sensi tal-artikolu 257E tal-Kodiċi Kriminali;**

iii) **Tħassarha f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u b'hekk tiddikjarah mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull piena u konsegwenza dwarha;**

iv) **Tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-ħati għall-piena komplessiva ta' sitt snin priġunerija u minflok tikkundannah għall-piena ta' <u>ħames snin</u> priġunerija.**

**Altrimenti safejn mhux mibdul b'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**